**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu 2017

Rikors Nru : 244/14 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa mija sitta u tmenin (1986) kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg, fil-Knisja tal-Kuncizjoni, il-Hamrun, Dok MMMM hawn anness;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal – J u M, 24 u 22 – il-sena rispettivament;

Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli, (Dokument MMM hawn anness);

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat illi l-konjugi kontendenti kienu ser jitterminaw u jxolju il-Kommunjoni tal-Akkwisti b'effett immedjat, ser jirrinunzjaw mid-drittijiet ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin kif ukoll mill-obbligu tal-assistenza u tal-ko-abitazzjoni, b'mod illi kull parti hija hielsa li tistabilixxi l-abitazzjoni taghha fejn jidhrilha hi u minghajr ebda ndhil mill-parti l-ohra;

Illi l-intimat qed ihallas regolarment manteniment, u il-beni kollha parafernali u tal-Komunjoni tal-Akkwisti gew likwidati u divizi ghas-saldu bejniethom;

Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet qablu illi t-termini u kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni jibqghu invarjati u inalterati wkoll f'kaz li z-zwieg taghhom jigi dikjarat null u xolt permezz ta' sentenza ta' annullament u/jew divorzju anke minn Tribunal esteru;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnietom;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16), huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi ilhom separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ghal dawn l-ahhar sitt snin, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbet illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16) sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa s-smigh tal-partijiet kif mahsuba fl-Artikolu 66C Kapitolu 16, ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu eccepixxa :

Illi t-talba tal-attrici ghall-hall taz-zwieg hija opposta mill-esponent ghaliex pendenti quddiem dina il-Qorti hemm il-kawza fl-ismijiet inversi numru 236/11 AL, illi bis-sahha taghha l-esponent qieghed jitlob illi dina il-Qorti joghgobha : -

1) Tippronunzja s-separazzjoni bejn l-kontenenti konjugi B minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta u li jinkludi inter alia adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi;
2) Tiddikjara, in vista tal-htijiet taghha, illi l-konvenuta tilfet id-dritt taghha, illi tircievi il-manteniment minghand zewgha l-attur inkluz b'mod partikolari l-manteniment stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti ppubblikat kif inghad fl-att tan-Nutar Dottor Miriam Musumeci Macelli fil-31 ta' Jannar 2008;
3) Tistabbilixxi d-data illi fiha l-konvenuta saret hatja ta' adulterju u tordna illi b'effett minn dakinhar jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Qorti, il-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi l-manteniment mill-attur zewgha u ghalhekk tehles u tillibera lill-istess attur minn kull obbligu f'dan ir-rigward;

Illi dan iffisser illi l-ezistenza ta' dina il-kawza propju fuq is-separazzjoni tal-kontendenti u l-manteniment, jelimina l-ezistenza tal-kundizzjonijiet mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi ma nġiebu ebda provi f'din il-kawża iżda, stante li din il-kawża kienet qiegħda timxi flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru ta' referenza 236/11AL, il-Qorti hija edotta miċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom qrib id-disa' snin legalment separati minn ma' xulxin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;

Rigward il-manteniment versu l-ulied, l-ulied illum huma maġġorenni u għandhom iżjed minn 23 sena. Inoltre, jirriżulta li m'hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar kwlasiasi manteniment spettanti lil uliedhom;

Rat illi dwar il-manteniment bejn il-partijiet, is-sitwazzjoni sal-lum hija li r-rikorrenti tirċievi manteniment mingħand żewġha skont dak li hemm stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli datat il-31 ta' Jannar 2008[1]; Ir-rikorrent tiddikjara fir-rikors ġuramentat illi dan il-manteniment jitħallas regolarment;

Illi l-intimat intavola proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem din l-istess Qorti fejn *inter alia* huwa qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi A B tilfet kull dritt li tirċievi manteniment mingħandu, stante l-ħtijiet tagħha;

Rat illi l-kontestazzjoni tal-intimat f'din il-kawża kienet marbuta mal-fatt illi l-kawża fl-ismijiet inversi kienet għadha pendenti u allura d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili[2] ma kienux eżistenti bejn il-partijiet.

Rat illi ai termini tal-istess Artikolu 66B, biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.

---

[1] Fol. 4 tal-proċess

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat illi llum stess qed tingħata deċiżjoni fil-kawża fl-ismijiet inversi, u għaldaqstant l-oppożizzjoni tal-intimat fil-kawża odjerna ma tibqax fis-seħħ.

Illi fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-eżistenza tal-kawża fl-ismijiet inversi m'hijiex u ma kinitx ta' xkiel għall-għoti ta' deċiżjoni fil-kawża preżenti, stante li l-Qorti fid-deċiżjoni dwar il-ħall taż-żwieġ trid taċċerta ruħha li l-manteniment, fejn huwa dovut, qed jiġi mħallas. Illi fil-każ in eżami, minkejja li l-intimat intavola kawża sabiex jiġi liberat mill-obbligi tiegħu li jivversa manteniment lil martu, jidher li previa deċiżjoni dwar dan, xorta waħda baqa' jonora l-obbligi kontrattwali tiegħu skrupliżament. Għaldaqstant it-tielet rekwiżit impost mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, huwa sodisfatt.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B;

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.